**MINUTI LAQGHA URĠENTI NUMRU 83
TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

Il-Ġimgħa, 2 ta' Frar 2024.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum il-Ġimgħa, 2 ta' Frar 2024, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieġ – Kunsillier (preżenti online – via teams)
Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsilliera

Ufficċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 83.1 Talba

## 83.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

83.1.1 Erbgħa membri kienu preżenti fil-kamra filwaqt li l-Kunsillier Joseph Buttiġieġ kien online u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 83.3 Bankini fi Triq it-28ta' April 1688, Qala

83.3.1 Is-Seg. Eżekuttiv spjegat illi din il-laqgħa ingħajtet fuq talba tal-Kunsilliera Karl Buttiġieġ u Valerie C. Mejlak sabiex ikun aktar kjarezza dwar il-mod ta' kif qed isiru l-bankini. Preżenti għal-laqgħa kien hemm ukoll xi residenti.

Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ spjega li kull proġett li jsir mill-Kunsill jiġi diskuss u approvat fil-Kunsill. Il-proġett tat-triq 28ta' April ġie diskuss kemm il-darba pero' il-proġett tal-bankini qatt ma ssema ħlief darba fejn kien hemm qbil li fejn ma hemmx bankina ssir waħda ta' pied u l-bqija tal-bankini kellhom jibqgħu kif inhuma. Waqt li kien għaddej ix-xogħol raw li qed isiru varjazzjonijiet u għalhekk kitbu formalment lil-Kunsill sabiex jaraw jekk kienx hemm xi ftehim dwar dan għaliex ħassew li mhux ġust li hemm residenti li jafu kif ġejjin il-bankini u l-Kunsilliera ma jafu b'xejn anzi jiġu maqbuża. Kompla jgħid li ntalbet din il-laqgħa mhux għax ma jaqblux li jsiru l-bankini imma għal mod kif qed isiru l-affarijiet għaliex il-Kunsilliera kollha għandhom jkunu kkonsultati. Semma diversi issues li kellu queries dwarhom bħal jekk is-Sindku kienx ikkonsultat, kienx hemm permess uffiċjali bil-miktub minn Transport Malta, kienx hemm DNO approvat u staqsa jekk hux se jkunu ħa jintilfu parkeġġi. Spjega li dawn kienu l-*main issues* sew tiegħu kif ukoll tal-Kunsilliera Valerie C Mejlak, kif huma nqabżżu f'dan il-proċess kollu.

Il-Perit Godwin Sultana talab skuża jekk kien hemm xi *miscommunication* min-naħa tiegħu pero spjega li xħin ikunu qed isiru l-linji tal-bankini li f'dan il-każ hija *hard shoulder,* trid tiġi ssensata skont kif issib il-linji tat-triq. Il-Kunsilliera V. C. Mejlak staqsiet kif hemm bankini li ħarġu tant il-barra li wieħed jista jpoġġi mejda u siġġijiet filwaqt li oħrajn huma ta' pied. Kif ġew il-bankini bħalissa ġew zikzak. Semmiet eżempju problema ta' quddiem is-squq li minħabba kif ġiet il-bankina issa ser jintilef il-parkeġġ għaliex issa jekk ikun karozza pparkjata r-resident tas-squq ma jkunx jista jidħol. Semmiet ukoll postijiet oħrajn fejn il-bankina spiċċat quddiem propjetà u qegħda ta' periklu. Il-Perit assigura lill-membri li kull deċizzjoni li ttieħdet rigward il-bankini ttieħdet biss għall-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

aħjar. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ talab lil Perit jekk jistax jagħati assigurazzjoni li mhux se jintilfu parkeġġi.

Is-Sindku semma li l-akbar issue kienet għar-residenti li joqgħodu fi Pjazza L-Isqof Mikiel Buttġieġ minħabba problema li jidħol l-ilma. Spjega li huma talbuh jekk hux possibli li l-bankini jitwessgħu ftit minħabba din il-problema u għalhekk kien ikkonsulta mall-Perit. Kompla jgħid li parkeġġi mhux se jintilfu, naħa minnhom hemm 7.4mtrs u naħa l-oħra hemm 7.7 mtrs jiġifieri d-differenza hija biss ta' 0.3 mtrs u din mhux se taffetwa xejn. Kompla jgħid li kien ġie Ruben Said min naħa ta Transport Malta sabiex dan jiġi vverifikat u l-karozza tal-linja tgħaddi bla problemi anka bil-karrozza pparkjata. Segwit diskussjoni fejn il-Kunsilliera V. C Mejlak u Karl Buttiġieġ qalu li s-Sindku kien ħa din id-deċizzjoni waħdu mingħajr ma kkonsulta mall-Kunsill, filwaqt li s-Sindku qal li għandu dritt jieħu deċizzjoni mall-Perit. Il-Kunsillier K. Buttiġieġ stqarr li deċiżżjonijiet għandhom jiġu diskussi u approvati fil-Kunsill u staqsa lis-Sindku meta kienet id-data li ġew l-uffiċċjala ta' TM, jekk kienx qabel jew wara l-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet. Il-Perit qal li kien ċempillu s-Sindku xi ġimgħatejn ilu u ltaqgħu fuq il-post flimkien mall-Kuntrattur. Il-Kunsillier K. Buttiġieġ staqsa lis-Sindku għaliex allura fl-aħħar laqgħa meta staqsih dwar il-bankini huwa kien wieġeb li ma kien jaf xejn imma qallu biex jistaqsi lill-Perit.

Il-Perit fiehem li hemm problema bl-outlets tal-ilma tax-xita u għalhekk huwa obbligat li jimxi mal-operating procedures. Bħal ma jagħmel f'kull triq hu dejjem jimxi b'dan il-mod. Spjea li l-ilma kollu jinġabar f'dik il-kantuniera u għal din ir-raġuni biss huwa kien mexxa il-linji pero mhux se jintilfu parkeġġi. Il-Kunsillier K Buttiġieġ semma li l-importanti li ma jintilfux parkeġġi, eżempju kienu jipparkjaw minn fejn il-mappa sa fejn il-każin tal-PN. Il-Perit assigura li mhux se jintilfu parkeġġi imma l-positjiet fejn qed isemmu huma jrid jiġi jara on site.

Is-Sindku spjega li dak li qed tgħid l-Kunsilliera V. C Mejlak li mill-każin tal-Labour il-fuq hemm bankini deħlin il-ġewwa u l-barra, l-Kuntrattur minn jeddu qabad sinjal sal-pied fejn hemm dritt, u allura għalhekk hemm min għandu l-bankina li ġiet tidher il-ġewwa. Il-Kunsilliera V. C Mejlak, qaltlu allura int stess qed tammetti li l-Kuntrattur min jeddu ħa d-deċizzjonijiet. Is-Sindku talab lill-Perit sabiex imorru on site sabiex jara jaqbilx mal-mod kif saru. Il-Kunsilliera V Mejlak qalet li probabilmet dawn saru fuq ftehim bejn il-Kuntrattur u s-Sindku u kompla d-disgwit li dawn id-deċizzjonijiet suppost li jittieħdu fil-kunsill. Is-Sindku staqsa lil Perit jekk għandhux dritt hu bħala Sindku jieħu d-deċizzjonijiet flimkien miegħu. Il-Kunsillier K. Buttiġieġ qal li jekk is-Sindku u l-Perit għandhom dritt jiddeċiedu kollox mela allura mbagħad ma jiġux quddiem il-Kunsill biex japprovaw il-pagamenti imma jaraw huma wkoll. Is-Sindku wieġeb li qed isir l-istess bħal ma kien isir fi żmien meta missieru kien Sindku. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ staqsa lill-Perit jekk hemmx DNO għaliex hu kien iċċejka u ma sabx applikazzjoni kif ukoll jekk hemmx in-No objection min-naħa ta' Transport Malta. Il-Perit wieġeb illi f'dan it-tip ta' xogħol bħal bankini ma hemmx bżonn DNO imma RWP (Road Work Permit) u rigward



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555
qala.lc@gov.mt

TM, hu jkun mexa mal-operating procedures tagħhom. Il-Kunsillier K. Buttiġieġ reġa staqsa jekk allura dan iffissirx li l-bankini jiġux approvati jiġi kif jiġu u humiex approvati kif saru minn Transport Malta. L-Perit wieġeb li hu jkun mexa mal-operating procedure kif ukoll li Iva, l-bankini kienu approvati minn TM.

Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ staqsa jekk xħin jitlesta l-proġett mhux ħa jsiru xi double yellow lines ġodda mar-roundabouts u/jew mal-bankini ġ-ġodda? Il-Kunsilliera V. C Mejlak talbet konferma wkoll li d-double yellow lines li kien hemm se jerġgħu isiru u li oħrajn ġodda ma jsirux. Is-Sindku qal li napplikaw ma Transport Malta u naraw x'jiġri għaliex la twessat il-bankina naraw għad baqax lok għalihom. Il-Kunsillier K. Buttiġieġ staqsa jekk sa quddiem tal-Lellux hux se jibqa tista tipparkja. Is-Sindku wieġeb li iwa.

Ir-residenti li kienu hemm preżenti għal-laqgħa qalu li l-problema tagħhom hija l-ilma u xejn aktar. Il-Kunsilliera V. C. Mejlak u K. Buttiġieġ qalu li huma ma għandhomx problema li jgħinu lir-residenti, imma għal mod kif saru l-affarijiet għaliex huma ma ġewx ikkonsultati. Is-Sindku qal li setgħu kkonsultaw mall-Perit direttament pero l-Kunsillier Karl Buttiġieġ qallu li hu kellu jressaq Kunsill u mhux itihom il-ġenb u jiddeċiedi kollox waħdu.

Il-Perit ikkonkluda billi fejn hemm xi problema bħal xi issue ta' garaxx etc.. jistgħu jitranġaw. Għalhekk ġie maqbul sabiex flimkien imorru on-site ħalli jiġi spjegat aħjar.

## 83.4 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

83.4.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiem fis-17.20pm. Il-laqgħa ġiet aġġoranta għal nhar il-Hamis, 22 ta' Frar 2024 fil-16.30p.m.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt